31994L0072

L 337/86 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.12.1994

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 94/72/KE

tad-19 ta' Diċembru 1994

li temenda d-Direttiva 91/439/KEE dwar il-liċenzji tas-sewqan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Renju tan-Norveġja, tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja, tar-Renju ta' l-Isvezja, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea ([1]), hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala "l-Att ta' l-Adeżjoni 1994", u b'mod partikolari l-Artikolu 169 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-liċenzji tas-sewqan fil-Finlandja u fl-Isvezja jikkonsistu f'karti tal-plastik; billi,fl-istennija ta' konsiderazzjoni ta' mudell ieħor Komunitarju tal-liċenzji tas-sewqan, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja għandhom wkoll ikunu awtorizzati jkomplu joħroġu l-liċenzji tas-sewqan ibbażati fuq il-mudell preżenti sal-31 ta' Diċembru 1997; billi d-Direttiva 91/439/KEE ([2]) għandha konsegwentament tiġi emendata;

Billi permezz ta' l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni 1994, l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea jistgħu jadottaw, qabel l-adeżjoni, il-miżuri msemmija fl-Artikolu 169 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, u dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ soġġett għal u mid-data ta' dħul fis-seħħ tat-Trattat imsemmi,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 91/439/KEE, għandha tiżdied il-frażi li ġejja:

"Madanakollu, ir-Repubblika tal-Finlandja, u r-Renju ta' l-Isvezja jistgħu jkomplu joħroġu liċenzji tas-sewqan ibbażati fuq il-mudell preżenti sal-31 Diċembru 1997."

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ soġġett għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KINKEL

([1]) ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21.

([2]) ĠU L 237, 24.8.1991, p. 1.